**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Evelyn Briffa (K.I Nru 497344M) kemm f'isimha proprio kif ukoll ghan-nom ta' hutha Oscar Spiteri (K.I Nru 452045M), John Spiteri (K.I Nru 42947M), Angiolina Mifsud (K.I Nru 684949M), Michael Spiteri (K.I Nru 464454M) u Rosita Mifsud (K.I Nru 193053M) u Noel Debono (K.I Nru 15442G) f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' Harry Debono, Maria C. Debono, Therese Meli, Evelyn Briffa, Victoria Vella u Joseph Debono**

**Vs**

**Emanuel Mangion**

**Rik Nru: 20/18**

Illum 13 ta' Mejju 2019

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jaqra hekk:

Illi huma jikru lill-intimat Emanuel Mangion il-fond bin-numru tnax (12) fi Triq l-Arcipriet Azzopardi, Senglea, Malta;

Illi dan il-post kien inkera biex iservi bhala residenza ta' Emanuel Mangion diversi snin ilu;

Illi fl-ahhar snin dan l-intimat Emanuel Mangion ghamel diversi tibdil strutturali f'dan il-fond minghajr l-awtorizzazzjoni tal-esponenti li huma s-sidien tal-fond u tali alterazzjonijiet strutturali ikkrejaw danni fl-istess fond;

Illi l-istess Emanuel Mangion halla dan il-post jigi zdingat tant li llum il-post lanqas madum ma fih ghaliex dan inqala' mill-intimat u l-art thalliet

fuq it-torba. Oltre' dan, il-fond sarlu wkoll bieb tal-hadid fuq barra li jinghalaq b'katnazz minn barra;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti, in vista ta' dawn il-fatti li jigu dettaljatment ippruvati waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors qeghdin jitolbu lil dan il-Bord joghgbu jittermina l-kirja li l-intimat Emanuel Mangion ghandu fuq dan il-fond u jordna li l-fond jirritorna lura ghand is-sidien tieghu li huma l-esponenti.

Ra r-risposta tal-intimat li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ghandhom igibu l-prova tat-titolu taghhom in rigward tal-fond mertu ta' din il-kawza.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, sas-sena li ghaddiet kien qieghed jigi accettat il-hlas tal-kera relativ, b'dan illi konsegwentement gie rinunzjat id-dritt ta' azzjoni pretiz skont ir-rikors promotur.

3. Illi fit-tielet lok, u ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti m'ghandhomx bazi legali sostenibbli li tiggustifika l-azzjoni taghhom.

Semghet ix-xhieda

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-proceduri odjerni, ir-rikorrenti - li l-aventi causa taghhom krew lill-intimat il-fond inkwistjoni fl-1 ta' Frar 1975 ghal skop ta' residenza – qeghdin jitolbu lill-Bord jittermina l-istess kirja u jordna l-izgumbrament tal-intimat mill-fond ghar-ragunijiet indikati.

Illi l-Bord sema' xhieda prodotta mir-rikorrenti u inoltre' gie pprezentat ir-rapport tal-Membri Teknici tal-Bord li minnu jirrizulta s-segwenti konkluzzjoni:

1. *Illi rrizulta illi ghal hafna zmien, il-fond qieghed jintuza' bhala mahzen, principalment ta' oggetti antiki. L-istat ta' trabijiet illi hemm fuq l-*

*oggetti u l-istat generali ta' nuqqas ta' manutenzjoni, jindika illi dan l-istat ta' fatt ilu jippersisti ghal hafna snin.*

2. *L-esponenti kkonstataw illi l-fond ilu ma jintuza ghal hafna snin bhala post ta' abitazzjoni. Fl-istat illi jinsab il-fond, illi ma ghandux servizz tad-dawl, u l-fatt illi fl-ewwel parti tal-fond ma ghandux madum, u illi ma hemmx access la ghall-kcina u lanqas ghal kamra tal-banju l-esponenti ikkonstataw illi ma huwiex fi stat ta' abitazzjoni. Kif indikat fir-ritratti illi ttiehdu waqt l-access tal-25 ta' Ottubru 2018, huwa fatt illi l-fond kien jintuza' bhala mahzen.*

3. *Illi saru zewg alterazzjonijiet strutturali, illi jikkonsistu f'fetha ta' bieb, u alterazzjoni f'fetha illi tikkonsisti fi hnejja tal-gebel.*

4. *Illi l-gallarija fuq wara hija fi stat perikoluz, u dan minhabba, illi ghal xi raguni inqala' bicca mir-railing tal-ferrobattuto.*

Fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019, Dr John Vassallo ghall-intimat, iddikjara li l-istess intimat kien qieghed jammetti t-talba tar-rikorrenti ghall-izgumbrament u kien qieghed jobbliga ruhu li jivvaka l-fond definittivament sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Gunju 2019. Inoltre' iddikjara li kien qieghed jaqbel li l-Bord jaghti sentenza f'dan is-sens.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi, fuq ammissjoni tal-istess intimat, billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-istess intimat, jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jiffissa bhala terminu perentorju sat-30 ta' Gunju 2019 sabiex l-intimat jizgombra mill-fond numru 12, Triq l-Arcipriet Azzopardi, Senglea.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

**Decide**

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Registratur**